



16.12.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 2039/2013, imressqa minn A.M. (ta' ċittadinanza Nederlandiża), dwar is-sitwazzjoni tal-bliet Spanjoli ta' Ceuta u Melilla**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjoni tirrigwarda l-bliet portwarji ta' Ceuta u Melilla, fin-nofsinhar tal-Istrett ta' Ġibiltà. Il-bliet, minkejja li jmissu mal-Marokk, jagħmlu parti mill-Unjoni Ewropea u huma portijiet ħielsa u rifuġji fiskali. Hemmhekk il-prodotti jinbigħu bla taxxi u m'hemmx kompetizzjoni fil-prezzijiet. L-attivitajiet tal-bliet jippromwovu l-evażjoni u l-frodi tat-taxxa u kull sena jikkawżaw telf kbir ta' impjiegi u introjtu għall-Marokk. Il-petizzjonant jemmen li l-azzjoni tal-UE hi kontradittorja, għax min-naħa l-waħda tat lil Marokk status privileġġat u qiegħda tippromwovi attivament ir-riformi, filwaqt li min-naħa l-oħra, l-attivitajiet ta' Spanja fir-rigward ta' dawn iż-żewġt ibliet qed ikissru l-ekonomija tal-Marokk u jagħtu impressjoni ħażina tal-UE.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-7 ta' Awissu 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-16 ta' Diċembru 2014

Il-bliet Spanjoli ta' Ceuta u Melilla huma parti mill-Unjoni Ewropea iżda jgawdu minn status speċjali fl-Unjoni li permezz tiegħu huma esklużi minn ċerti oqsma ta' politika. L-ewwel nett, abbażi tal-Protokoll 2 tal-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja<sup>1</sup>, Ceuta u Melilla mhumiex parti mit-territorju doganali tal-Unjoni. It-tieni nett, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT u d-dazji tas-

<sup>1</sup> ĠU L 302, 15 ta' Novembru 1985, p. 400.

sisja mhijjex applikabbli għat-territorji ta' Ceuta u Melilla<sup>1</sup>.

Konsegwentement, l-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' dwana, VAT u dazju f'Ceuta u Melilla. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni mhijjex f'pożizzjoni li tindirizza l-allegati effetti negattivi li, skont il-petizzjonant, il-politiki doganali u fiskali f'Ceuta u Melilla għandhom fuq l-ekonomija Marokkina.

### Konklużjoni

Fl-isfond ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni mhijjex f'pożizzjoni li tgħin lill-petizzjonant.

---

<sup>1</sup> Għall-VAT, ara l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud; għad-dazji tas-sisa, ara l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE.